5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.

6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.

7. With regard to the tenure the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.

10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the *issue date* of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.

11. Only offers with a definite price will be considered.

12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

22nd June, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Uffiċjal Veterinarju *Junior* fit-Taqsima ta' l-Ikel u Attività Veterinarja, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Uffiċjal Veterinarju *Junior* fit-Taqsima ta' l-Ikel u Attività Veterinarja, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Is-salarju għall-post ta' Uffiċjal Veterinarju *Junior* huwa ta' Lm5,750 fis-sena li jiżdied b'Lm192 fis-sena sa massimu ta' Lm6,902.

2.2 Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Veterinarju *Junior* tiġi mlaħħqa Uffiċjal Veterinarju fi skala tmienja (8) (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) wara sentejn servizz f'dan il-grad jekk (a) ikollha l-*Warrant* biex tipprattika bħala Kirurgu Veterinarju u (b) servizz sodisfaċenti.

3. Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u t-Taqsima ta' l-Ikel u Attività Veterinarja b'mod partikolari. Il-persuni maħtura jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. L-applikanti għandhom:

(a) Ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) Ikunu kapaċi jikkomunikaw bl-ilsien Malti;

(ċ) (i) ikollhom grad fil-Mediċina u Kirurġija Veterinarja aċċettabbli għall-Kunsill Malti tal-Kirurġija Veterinarja;

JEW

(ii) ikollhom liċenza biex jeżerċitaw il-professjoni tal-Mediċina u Kirurġija Veterinarja f'Malta;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma mpjegati mal-Gvern ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

5.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Junior Veterinary Officer in the Food and Veterinary Regulation Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the posts of Junior Veterinary Officer in the Food and Veterinary Regulation Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The post of Junior Veterinary Officer carries a salary of Lm5,750 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,902.

2.2 A Junior Veterinary Officer will be promoted to the grade of Veterinary Officer in Scale eight (8) (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) on completion of two years service in the grade subject to (a) being in possession of a Warrant to practice as Veterinary Surgeon and (b) satisfactory performance.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis, and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Food and Veterinary Regulation Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of a degree in Veterinary Medicine and Surgery acceptable to the Malta Veterinary Surgeons' Council;

OR

(ii) be in possession of a licence to practice the profession of Veterinary Medicine and Surgery in Malta;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this application and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.1 Persons registered with the National Commission of

Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati millapplikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha, għandhom jintwerew b'dokumenti u/jew ċertifikati (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; l-oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.1 Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-postijiet.

7.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

8. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dawn il-postijiet.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, (Taqsima ta' l-Impjegati) 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-16 ta' Lulju, 2004.

10. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta

Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

5.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the posts.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publications of the result.

8. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Applications will be received in the first instance by the Director of Corporate Services (Personnel Section) at 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th July, 2004.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp//recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section, Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

11. Applications received from abroad through a fax or

permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati f'ċerti każi basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal fid-Dipartiment sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq u għandha tingħata spjegazzjoni dwar dan id-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa 0356-21 224 944.)

12. (a) Applikazzjonijiet meħuda lid-Dipartiment jiġu ċertifikati bil-miktub bħala li ntlaqgħu mid-Direttur Ġenerali (Ikel u Attività Veterinarja) u l-irċevuta tingħata dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta rreġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fil-post indikat sad-data ta' l-għeluq. Irċevuti ta' l-applikazzjonijiet mibgħuta bil-posta jsiru bil-miktub mid-Direttur Ġenerali (Ikel u Attività Veterinarja) u jintbagħtu fi żmien sebat (7) ijiem.

It-22 ta' Ġunju, 2004

other similar message by the closing date may be exceptionally considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 0356 - 21 224 944.)

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Food and Veterinary Regulation).

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Director General (Food and Veterinary Regulation), within seven (7) days.

22nd June, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ b'Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Agricultural Promotion Officer* fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żviluppi Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew il-pożizzjonijiet ta' *Agricultural Promotion Officer* fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Agricultural Promotion Officer* fit-Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Agricultural Promotion Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 10, hija tkun

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Agricultural Promotion Officer in the Agricultural Services and Rural Development Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the positions of Agricultural Promotion Officer in the Agricultural Services and Rural Development Division in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidates will be expected to enter into a three-year contract as Agricultural Promotion Officer in the Agricultural Services and Rural Development Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment, which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Agricultural Promotion Officers during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not an Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, and is during the contract period, appointed to a grade with a higher Salary Scale than Scale 10, he/she

meħtieġa li tirrinunzja għal dmirijietha u tkun trasferita għad-dmijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' aktar mill-massimu ta' Skala 10 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbaghad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu tas-salarju ta' skala 10 (bħalissa Lm6,466 fis-sena). F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. Id-dmirijiet ta' *Agricultural Promotion Officer* jinkludu:

(a) sostenn lid-Dipartimenti ta' l-Agrikoltura u ta' l-Iżvilupp Rurali permezz tal-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri u attivitajiet varji li permezz tagħhom jistgħu jibbenifikaw il-bdiewa lokali;

(b) l-organizzazzjoni ta' "animazzjoni" lokali intensiva biex jiġu applikati inizjattivi eżistenti jew proġetti potenzjali;

(ċ) għajnuna lill-bdiewa u lill-intraprendituri biex dawn ikunu kapaċi jeżaminaw il-vantaġġi, żvantaġġi u riskji ta' proġetti ġodda;

(d) għajnuna lill-bdiewa u lill-intraprendituri permezz ta' għajnuna teknika meta u fejn tinħass il-ħtieġa (eż: analiżi ta' swieq potenzjali, *know-how, manpower,* tagħmir, kapital eċċ).

4.2. Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mingħand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5.1. L-applikanti għandhom:-

(a)ikunu ċittadini Maltin jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) kapaċi jikkomunikaw bl-ilsien Malti;

(ċ) ikollhom *first degree* rikonoxxuta fl-Istudji Agrikoli, Kimika, Bijoloġija, *Management,* Ġografija, Studji Ewropej, Relazzjonijiet Internazzjonali, Psikoloġija, Komunikazzjoni, Antropoloġija, Soċjoloġija, jew dixxiplina oħra relatata;

jew

will be required to relinquish his/her duties and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete hisċher term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The Salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 10 (currently Lm6,466). In the case that the selected applicants are Officers in the Malta Public Service the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The duties of a Agricultural Promotion Officer include:

(a) providing support to the Agriculture and Rural Development Departments through promotion and implementation of various measures and activities that are of benefit to local farmers;

(b) organisation of intensive local 'animation' for the establishment and applicability of existing initiatives or potential projects;

(c) assistance to farmers and entrepreneurs in order to enable them to make their own assessment of the new projects' advantages, drawbacks and risks;

(d) assistance to farmers and entrepreneurs through technical support whenever and wherever needed (e.g. analysis of potential markets, know-how, manpower, equipment, capital etc.;

4.2. A complete list of duties appertaining to this position could be obtained from the office of the Director, Corporate Services, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5.1. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be in possession of a recognised first degree in Agricultural Studies, Chemistry, Biology, Management, Geography, European Studies, International Relations, Psychology, Communications, Anthropology, Sociology, or any other related discipline;

or

ikollhom mill-anqas tmien (8) snin esperjenza f'livell maniġerjali (li minnhom 5 jridu jkunu f'entità fis-Settur Pubbliku responsabbli mill-Agrikoltura jew ko-operattiva jew assoċjazzjoni tal-bdiewa rikonoxxuta), Livell Avvanzat ta' edukazzjoni, u jippruvaw li għandhom għarfien tekniku/xjentifiku espert.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form.* Applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtoritajiet oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li jafu jużaw il-kompjuter u jkollhom *business skills* u lil dawk b'esperjenza fil-qasam tal-*management*.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 7734 bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Dawn il-pożizzjonijiet huma *full-time*. L-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jitolbu li l-persuni magħżula jaħdmu tard, fi tmiem il-ġimgħa jew fi btajjel pubbliċi biex jintlaħqu d-*deadlines*.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuni jkollhom għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew *testimonials* (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz

have at least eight (8) years practical experience at a managerial level (5 of which must be in a Public Sector entity responsible for Agriculture or in a recognised farmers' co-operative or association), possess an 'A' Level standard of education and prove technical/scientific expertise.

(d)be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47), those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authorities not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details;

5.2. Due consideration will be given to candidates who have basic computer knowledge, business skills and experience in management.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

7. This is a full-time position. Given the nature of the job, the selected applicants may be required to work late, on weekends or on public holidays to meet deadlines.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of

Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

11. Malli jkunu ingaġġati l-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Mangement Code*. Il-*Public Service Management Code* qiegħed fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima ta' l-Impjegati), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 16 ta' Lulju 2004.

13. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa +356-2122 4944.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

It-22 ta' Ġunju, 2004

the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain they are fit for the this position.

11. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt

12. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section) 14, Triq M.A.Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th July 2004.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corproate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Personnel Section) 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-2122 4944.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

22nd June, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Assistant Manager* Responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Assitant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.1. Il-persuna magħżula tkun tirrispondi lill-*Manager* tal-*Paying Agency,* u permezz tiegħu, lill-Kummissjoni Ewropea jew lis-Segretarju Permanenti skond il-każ dwar l-ipproċessar fil-waqt u eżatt ta' pagamenti lil-benefiċjarji tal-fondi (a) ta' l-*European Agriculture Guidance & Guarantee Fund (EAGGF)* u (b) tal-Programmi ta' l-Għajnuna mill-Istat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' aktar mill-massimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (bħalissa Lm6,902 fis-sena).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Assistant Manager Responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Assistant Manager responsible for the Payments Function during the contract period will lead to termination of the contract.

2.1 The selected candidate will be accountable to the Manager of the Paying Agency, and through him/her to the European Commission or the Permanent Secretary as appropriate, for the ensuring of the accurate and timely payments to claimants of amounts authorised under (a) the programmes of the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund (EAGGF), and (b) State Aid programmes.

2.2 If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not an Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Malta Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 9, he/she will be required to relinquish his/her duties of Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently Lm 6,902 per annum).

F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, minbarra dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mil-*Manager* tal-*Paying Agency* minn żmien għall-ieħor, huma dawn:-

a) li skond il-prijoritajiet stabbiliti mill-*Manager* tal-*Paying Agency* jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha neċessarji;

b) li tintroduċi u tistabbilixxi proċeduri konformi kif rikjest mir-regolamenti dwar il-*European Agricultural and Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* biex tassigura li:

(i) il-pagamenti u garanziji jkunu magħmulin minn istituzzjonijiet finanzjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mir-regolamenti ta' l-UE;

(ii) il-pagamenti jitħallsu lill-benefiċjarji biss, lill-bank tal-benefiċjarji jew inkella lill-persuna bi prokura tal-benefiċjarju;

(iii) il-garanziji jinġabru fil-ħin u li dawk il-garanziji li huma dovuti għal żmien twil ikunu immedjatament identifikati u li ssir it-talba biex jinġabru immedjatament;

(iv) l-ipproċessar ta' l-*advances* ikunu soġġetti għall-istess kontrolli użati fir-rigward tal-pagamenti;

(v) dawk il-pagamenti li ma jiġux mgħoddija jkunu *re-credited* lill-*European Agricultural and Guidance Fund;*

(vi) iżżomm *trail record* ċar u preċiż ta' kull tranżazzjoni effettwata.

ċ) li tintroduċi u tissorvelja sistemi sabiex jiġu amministrati pagamenti simili skond skemi ta' l-għajnuna ta' l-Istat;

d) li żżomm lill-*Manager* tal-*Paying Agency* infurmat dwar il-progress, u f'okkażjonijiet ta' nuqqas ta' ftehim mill-aktar fis tressaq dawn l-istess sitwazzjonijiet lilu/lilha sabiex tinstab soluzzjoni.

e) biex tgħin, kull meta tkun mitluba mill-*Manager* tal-*Paying Agency* fil-preparazzjoni tar-rapporti mandatorji mill-Kumissjoni ta' kull xahar kif ukoll dawk ta' l-aħħar tas-sena fid-dawl ta' dati ta' sottomissjoni stretti.

In the case that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main responsibilities of the Assistant Manager responsible for the Payments Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, apart from other duties that may be assigned to the selected applicant by the Manager of the Paying Agency, are the following:-

(a) to establish implementation action plans for the achievement of all required tasks in accordance with the priorities set by the Manager of the Paying Agency;

(b) to introduce and establish uniform methodology(ies), in accordance with the requirements of the European Agricultural and Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) to ensure that:

(i) payments and guarantees are obtained only from financial institutions that fulfil the conditions of EU Regulations;

(ii) payments are effected only to claimants, to the claimants' bank account, or to the claimants' assignee;

(iii) guarantees are cleared within the stipulated time limits and those overdue are promptly identified and the guarantees are immediately called upon;

(iv) the clearing of advances is subject to the same controls by authorising officers as are payments;

(v) all non-delivered payments are re-credited to the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund;

(vi) an unequivocal and accurate trail record for each transaction handled is kept.

(c) to introduce and oversee the operation of parallel arrangements for State Aid Payments;

(d) to keep the Manager of the Paying Agency informed of progress and in instances of non resolutions of issues, escalate matters to him/her so that these can be promptly resolved;

(e) to assist, whenever required by the Manager of the Paying Agency, in the preparation of the monthly and annual returns of accounts to the Commission in respect of rigorous time-scales.

Lista aktar dettaljata tad-dmirijiet ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni tal-*Payments,* tista' tinkiseb mill-uffiċċju tal-*Paying Agency,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

Further details on the duties of Assistant Manager for the Paying Agency may be collected from the Office of the Paying Agency, Department of Corporate Services, 14, M.A Vassalli Street, Valletta.

5. L-applikanti għandhom:

5. Applicants must:-

(a) Ikunu ċittadini Maltin jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) Ikollhom l-abbiltà li jikkomunikaw bil-Malti;

(b) have the ability to communicate in the Maltese Language;

(ċ) ikollhom *degree Honours* fl-*Accountancy* jew fl-Ekonomija mogħti mill-Università ta' Malta jew kwalifika xierqa komparabbli;

(c) be in possession of an Honours degree in Accountancy or Economics awarded by the University of Malta or appropriate comparable qualification;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji);

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw b'mod eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll bil-kelma u kapaċità eċċellenti fil-lingwa Ingliża;

(e) have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of the English language;

(f) ikunu kapaċi jiżviluppaw u jużaw *information systems* bħala għodda ta' informazzjoni, reġistrar u analiżi;

(f) have the ability to use and develop information systems as an information, recording and analysis tool;

(ġ) ikollhom esperjenza f'impjieg fejn ikun hemm bżonn ta' ġudizzju u konsegwentement teħid ta' deċiżjonijiet;

(g) have seasoned judgment skills and the ability to make decisions.

(ħ) ikunu kapaċi jaħdmu b'mod affidabbli taħt pressjoni u li għaldaqstant ikunu kapaċi jiddeċiedu fuq prijoritajiet bejn sitwazzjonijiet urġenti;

(h) be able to work reliably under pressure and prioritise competing demands

(i) ikollhom kapaċitajiet tajbin ħafna f'dak illi jirrigwarda tfassil ta' proċeduri.

(i) have very good procedures development skills

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn *undergraduates* li jinsabu fi stat li jakkwistaw il-kwalifika msemmija f'paragrafu 5(ċ) sa Diċembru 2004. (L-applikanti jkunu mistennija jippreżentaw evidenza fil-forma ta' *transcript* uffiċjali kif ukoll ċertifikat aġġornat ta' attendenza).

6. Eligibility is also extended to undergraduates who expect to obtain a degree/qualification listed in paragraph 5(c) by December 2004. (The applicant is expected to provide evidence in the form of an official transcript and current attendance certification).

7. Jekk applikant/a ikun/tkun magħżul/a f'termini ta' paragrafu 6, hu/hi jkun/tkun ingaġġat/a bħala A*ssistant Manager Designate,* responsabbli mill-funzjoni tal-*Payments,* b'salarju ekwivalenti għall-medja ta' Skala 10 (bħalissa Lm5,941 fis-sena).

7. If an applicant is selected in terms of paragraph 6 above, he/she will be engaged as Assistant Manager Designate responsible for the Payments Function and will receive a salary equivalent to the mean of Salary Scale 10 (currently Lm5,941

Kif l-applikant/a j/tispiċċa b'suċċess l-istudji tiegħu/tagħha għall-kwalifiki msemmija f'paragrafu 5(ċ) hu/hi ikun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager* responsabbli għall-Funzjoni tal-*Payments* u jirċievi/tirċievi salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (bħalissa Lm6,902 fis-sena).

8. Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5(ċ) jingħataw preferenza fuq applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6.

9. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

11. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer fuq xogħol ta' spiss.

12. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

13. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

14. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

14.1 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart

per annum). On successful achievement of the degree/qualification mentioned in paragraph 5 (c), he/she will be appointed Assistant Manager responsible for the Payments Function and will receive a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently Lm6,902 per annum).

8. Successful applicants under paragraph 5 (c) will be given preference over successful applicants under paragraph 6.

9. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.1 Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

10. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

11. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

12. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

13. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

14. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

14.1 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from

(10) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

15. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

16. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma offiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* billi jidħol fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

17. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, (Taqsima tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju 2004.

18 Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A.Vassalli, Valletta.

19 Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ iehor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa 0356 21 224 944).

20. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

It-22 ta' Ġunju, 2004

the date of publication of result.

15. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

16. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

17. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, (Human Resources Section), Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta, by not later than Friday, 16th July 2004.

18. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, (Human Resources Section), Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta.

19. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number is 0356-21224944.

20. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

22nd June, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Assistant Manager* Responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tlett snin bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.1 Il-persuna magħżula tkun tirrispondi lill-*Manager* tal-*Paying Agency,* u permezz tiegħu, lil-Kummissjoni Ewropea jew lis-Segretarju Permanenti skond il-każ dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi li bihom jiġu awtorizzati pagamenti lill-benefiċjarji ta' l-għajnuniet skond ir-regolamenti tal-fondi ta' l-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* u tal-Programmi ta' l-Għajnuna ta' l-Istat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' aktar mill-massimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (bħalissa Lm6,902 fis-sena).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Assistant Manager Responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Assistant Manager responsible for the Authorisation function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Assistant Manager responsible for the Authorisation function within the Paying Agency during the contract period will lead to termination of the contract.

2.1 The selected candidate will be accountable to the Manager of the Paying Agency and through him to the European Commission or the Permanent Secretary for the efficiency and effectiveness of the system for authorising payments to claimants in conformity with the rules established by the European Commission in respect of the European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) and State aid programmes.

2.2 If the selected candidate is an Office in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not an Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is an Officer in the Malta Public Service, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than scale 9, he/she will be required to relinquish his/her duties of Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency and be transferred to duties pertinent to hisċher new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to this position is equivalent to that of Salary Scale 9 (currently Lm6,902 per annum). In the case

F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-għanijiet u d-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Assistant Manager* responsabli mil-Funzjoni ta' l-*Authorisation* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u għall-Ambjent minbarra dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati mill-*Manager* tal-*Paying Agency* minn żmien għall-ieħor, huma dawn:-

(a) li skond il-prijoritajiet stabbiliti mill-*Manager* tal-*Paying Agency* jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha neċessarji;

(b) li twaqqaf dik l-istruttura amministrattiva sabiex ikunu awtorizzati applikazzjonijiet għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni skond ir-regolamenti relevanti tal-fondi tal-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF);*

(ċ) li tistabbilixxi l-bżonnijiet finanzjarji sabiex tippermetti lill-*Payments Function* tesegwixxi x-xogħol tagħha, u li tinforma lill-*Manager* tal-*Paying Agency* b'dawn l-istess bżonnijiet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu/tagħha;

(d) li tistabbilixxi sistemi ta' kontrolli sabiex ikunu jistgħu jiġu vverifikati l-fatti kif sottomessi minn dawk l-uffiċċji li huma delegati sabiex jawtorizzaw fuq bażi teknika l-applikazjonijiet għall-għajnuna skond ir-regolamenti relevanti tal-fondi ta' l-*European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF)* sabiex tassigura illi:

(i) tkun introdotta u implimentata metodoloġija xierqa għall-verifikazzjoni ta' applikazzjonijiet;

(ii) jinżamm *trail record* ċar u preċiż ta' kull tranżazzjoni effetwata;

(iii) ikun hemm komunikazzjoni tajba ma' l-uffiċċji tekniċi u mal-IACS sabiex tinġabar dik l-informazzjoni neċessarja għall-verifikazzjoni ta' l-applikazzjonijiet.

(iv) jiġu żviluppati u aġġornati sistemi u proċeduri u l-kitba ta' istruzzjonijiet, li jiffurmaw dawk il-gwidi għall-benefiċjarji meta jkunu qegħdin jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna sabiex jiġi iffaċilitat il-proċess ta' evalwazzjoni;

(e) Iżżomm lill-*Manager* tal-*Paying Agency* infurmat/a dwar il-progress u f'okkażjonijiet ta' nuqqas ta' ftehim mill-aktar fis tressaq dawn l-istess sitwazzjonijiet lilu/lilha sabiex tinstab soluzzjoni;

(f) Biex tassisti, kull meta tkun rikjesta mill-*Manager* tal-

that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The main responsibilities of the Assistant Manager responsible for the Authorisation Function within the Paying Agency in the Ministry for Rural Affairs and the Environment, apart from other duties that may be assigned to the selected applicant by the Manager of the Paying Agency, are the following:-

(a) in accordance with the priorities set by the Manager of the Paying Agency, to establish implementation action plans for the achievement of all required tasks;

(b) to set up the necessary administrative structure in order to authorise export refunds in compliance with the relevant regulations of the European Agriculture Guidance and Guarantee Fund (EAGGF);

(c) to determine budget requirements, if any, to allow the Payments function to fulfil its mission, and to forward such requirements to the Manager of the Paying Agency for consideration and approval;

(d) to establish a system of control to enable the verification of facts on claims as submitted by the various delegated Authorising bodies responsible for the technical verification of claims submitted by claimants, in accordance with the European Agricultural and Guidance and Guarantee Fund (EAGGF) to ensure the

(i) introduction and establishment of a methodology for the verification of claims;

(ii) maintenance of an unequivocal and accurate trail record for each transaction handled;

(iii) liaison with the technical Authorising body and IACS for the gathering of all that information necessary for the verification of claims;

(iv) development and review of policies and procedures and the preparation of a written manual, which would serve as a clear guide to beneficiaries when submitting requests for payments and which would facilitate the evaluation process.

(e) keeping the Manager of the Paying Agency informed of progress and in instances of non resolutions of issues, escalate matters to him/her so that these can be promptly resolved;

(f) assistance, whenever required by the Manager of the

Paying Agency fil-preparazzjoni tar-rapporti mandatorji mill-Kumissjoni ta' kull xahar kif ukoll dawk ta' l-aħħar tas-sena fid-dawl ta' dati ta' sottomissjoni stretti.

Lista aktar dettaljata tad-dmirijiet ta' *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation,* tista' tinġabar mill-Uffiċċju tal-*Paying Agency,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) Ikunu ċittadini Maltin jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) Ikunu kapaċi jikkomunikaw bl-ilsien Malti;

(ċ) ikollhom *Honours degree* fl-*Accountancy* jew fl-Ekonomija maħruġa mill-Univeristà ta' Malta jew kwalifika approvata ekwivalenti;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

(e) ikollhom kapaċità ta' komunikazzjoni eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma u kapaċità eċċellenti fil-lingwa Ingliża;

(f) ikunu kapaċi jiżviluppaw u jużaw *information systems* bħala għodda ta' informazzjoni, reġistrar u analiżi;

(g) ikollhom esperjenza f'impjieg fejn ikun hemm bżonn ta' ġudizzju u konsegwentement teħid ta' deċiżjonijiet;

(h) ikunu kapaċi jaħdmu b'mod affidabbli taħt pressjoni u li għaldaqstant ikunu kapaċi jiddeċiedu fuq prijoritajiet bejn sitwazzjonijiet urġenti;

(i) Ikollhom kapaċitajiet tajbin ħafna f'dak illi jirrigwardja tfassil ta' proċeduri.

6. Applikazzjonijiet jintalqgħu wkoll minn *undergraduates,* li jinsabu fi stat li jakkwistaw il-kwalifika msemmija f'paragrafu 5 (ċ) sa Diċembru 2004. (L-applikanti jkunu mistennija jippreżentaw evidenza fil-forma ta' *transcript* uffiċjali kif ukoll ċertifikat aġġornat ta' attendenza).

7. Jekk applikant/a ikun/tkun magħżul/a f'termini ta'

Paying Agency, in the preparation of the monthly and annual returns of accounts to the Commission in respect of rigorous time-scales.

Further details on the duties of Assistant Manager responsible for the Authorisation function may be collected from the office of the Paying Agency, Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A Vassalli, Valletta.

5. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) be in possession of an Honours degree in Accountancy or Economics awarded by the University of Malta or appropriate comparable qualification,

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

(e) have excellent communication skills, both written and spoken, and an excellent command of the English language;

(f) have the ability to use and develop information systems as an information, recording and analysis tool;

(g) have seasoned judgement skills and the ability to make decisions;

(h) be able to work reliably under pressure and prioritise competing demands;

(i) have very good procedures development skills.

6. Eligibility is also extended to undergraduates who expect to obtain a degree/qualification listed in paragraph 5 (c) by December 2004. (The applicant is expected to provide evidence in the form of an official transcript and current attendance certification).

7. If an applicant is selected in terms of paragraph 6 above,

paragrafu 6, hu/hi jkun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager Designate* b'salarju f'livell medju ta' Skala 10 (bħalissa Lm5,941). Kif l-applikant/a j/tispiċċa b'suċċess l-istudji tiegħu/tagħha għal kwalifiki msemmija f'paragrafu 5 (ċ) hu/hi jkun/tkun ingaġġat/a bħala *Assistant Manager* responsabbli mill-Funzjoni ta' l-*Authorisation* u jirċevi/tirċevi salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (bħalissa Lm6,902).

8. Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5(ċ) jingħataw preferenza fuq applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6.

9. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

11. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer fuq xogħol ta' spiss.

12. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

13. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

14. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun l-aktar adattat għal din il-pożizzjoni.

14.1 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esibiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Oġġezzjonijiet

he/she will be engaged as Assistant Manager Designate responsible for the Authorisation Function and will receive a salary equivalent to the mean of Salary Scale 10 (currently Lm5,941). On successful achievement of the degree/qualification mentioned in paragraph 5 (cb), he/she will be appointed Assistant Manager responsible for the Authorisation Function and will receive a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (currently Lm6,902).

8. Successful applicants under paragraph 5(c) will be given preference over successful applicants under paragraph 6.

9. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.1 Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

10. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

11. The selected applicant must be willing to travel frequently abroad.

12. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

13. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

14. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

14.1 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Petitions objecting to the result

għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

15. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

16. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* billi jidħol fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

17. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, (Taqsima tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Lulju 2004.

18. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/En/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

19. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa 0356 - 2122 4944).

20. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of result.

15. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he or she is fit for the position.

16. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

17. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, (Human Resources Section) Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than Friday, 16th July 2004.

18. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Human Resources Section), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

19. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number is +356 2122 4944.

20. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Junior Legal Officer/Legal Officer*
fir-Reġistru ta' l-Artijiet,
Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Junior Legal Officer/Legal Officer* fir-Reġistru ta' l-Artijiet.

2.1 Il-post ta' *Junior Legal Officer* għandu salarju ta' Lm5,750 fis-sena, li jiżdied b'Lm192 fis-sena sa massimu ta' Lm6,902 (skala ta' salarju 9).

2.2 Il-persuna nominata bħala *Junior Legal Officer* tkun, sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti d-dmirijet tagħha, fuq Skala 8 (Lm6,120 x Lm209 - Lm7,374) meta ttemm sentejn servizz fil-kariga.

2.3 Persuna magħżula li jkollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika legali ppruvati wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat, tinħatar *Legal Officer* fuq skala tas-salarju 8.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u hija soġġetta għar-regoli u r-regolamenti li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u r-Reġistru ta' l-Artijiet b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

4.1 Minghajr preġudizzju għal dmirijiet oħra anċillari u/jew korollari għal dawk imsemmija hawn taħt, u li jistgħu jkunu meħtieġa minħabba l-proċess ta' amalgamazzjoni bejn l-istess Reġistru u r-Reġistru Pubbliku f'Reġistru Ċentrali, id-dmirijiet ta' *Junior Legal Officer/Legal Officer* jinkludu li l-persuna magħżula twettaq is-segwenti:

(a) li tħejji u wara timplimenta, il-programmi ta' xogħlijiet imwettqa mir-Reġistru ta' l-Artijiet;

(b) li tassigura l-provediment effiċjenti u fil-ħin tas-servizzi mogħtija mir-Reġistru ta' l-Artijiet;

(ċ) li tagħmel superviżjoni ta' l-applikazzjonijiet kif ukoll issolvi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu b'konnessjoni magħhom;

(d) li tivverifika li d-direttivi u r-regolamenti kollha maħruġa mir-Reġistratur ta' l-Artijiet, jiġu segwiti strettament;

(e) li tagħmel superviżjoni ta' l-implimentazzjoni tal-programm ta' kompjuterizzazzjoni, speċjalment f'materji li

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Junior Legal Officer/Legal Officer
in the Land Registry Department,
Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications for the post of Junior Legal Officer/Legal Officer in the Land Registry.

2.1 The salary for the post of Junior Legal Officer is Lm 5,750 per annum, rising by annual increments of Lm 192 up to a maximum of Lm 6,902 (salary scale 9).

2.2 A Junior Legal Officer will, subject to satisfactory performance, be upgraded to Legal Officer at Salary Scale 8 (Lm6120 x Lm 209 - Lm 7374) on completion of two years service in the grade.

2.3 A successful applicant who has at least three (3) years of proven legal practice after obtaining the warrant to practise as Advocate, will be appointed as Legal Officer in salary scale 8.

3.1 The appointment which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Land Registry in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will not be allowed the private practice of his profession.

4.1 Without prejudice to other ancillary or corollary duties related to those listed below, which duties may become necessary in view of the on-going process whereby the Land Registry and the Public Registry are being amalgamated into one Central Registry, the duties of Junior Legal Officer include the following:

(a) drawing up and subsequently implementing the programmes of works of the Land Registry;

(b) ensuring the effective and timely delivery of services provided by the Land Registry;

(c) supervising and approving applications and settling any difficulties that may arise in connection therewith;

(d) verifying that all policy directives and regulations issued by the Land Registrar, are strictly adhered to;

(e) supervising the implementation of the computerisation programme, especially in matters requiring a legal

jirrikjedu interpretazzjoni legali; u

(f) li twettaq dmirijiet oħra kif ikun imqabbad minn żmien għal żmien mir-Reġistratur ta' l-Artijiet, inkluż li tirrappreżentah f'kawżi ġudizzjarji.

Il-persuna maħtura bħala *Junior Legal Officer* tkun meħtieġa li tipprattika l-professjoni ta' avukat fi ħwejjeġ ta' natura ta' rutina taħt is-sorveljanza ta' membri aktar anzjani.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bl-ilsien Malti;

(iii) (a) ikollhom *warrant* biex jeżerċitaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta; jew

(b) ikollhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant;*

(iv) ikunu ta' karattru tajjeb (applikanti li huma impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47)*, l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu dettalji).

5.2 Applikanti taħt paragrafu 5.1 (iii) (b) jiġu kkunsidrati biss f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.1 (iii) (a). Barra minn hekk dawn jinħatru fil-kariga meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn' bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413) anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu iwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-

interpretation; and

(f) performing all duties as directed by the Land Registrar, including representing the Registrar in judicial cases.

4.2 A Junior Legal Officer will be required to exercise his profession in matters of a routine nature under the supervision of more senior staff.

5.1 Applicants must:-

(i) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(ii) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(iii) (a) be in possession of a warrant to exercise the profession of Advocate in Malta; or

(b) be persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

(iv) be of good moral character (those already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or any other competent authority not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Applications under paragraph 5.1 (iii) (b) will only be considered if there are not enough suitable candidates under paragraph 5.1 (iii) (a). These will, moreover, only be appointed when they obtain the said warrant to practise as an Advocate.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department

korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista minn Bord ta' Għażla biex jitqies kemm ikunu adattati għall-post.

9. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tar-Reġistru ta' l-Artijiet. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li tkun adattata għal dan il-post.

11. L-applikazzjonijiet, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Reġistru ta' l-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, is-16 ta' Lulju 2004.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand it-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni, Reġistru ta' l-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Valletta.

13. Applikazzjonijiet li jintbagħtu minn barra minn Malta permezz tal-fax jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq, jiġu kkunsidrati sakemm ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur, Reġistru ta' l-Artijiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 - 21 249 941.)

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fir-Reġistru ta' l-Artijiet.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi, sad-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta mid-Direttur tar-Reġistru ta' l-Artijiet fi żmien sebat (7) ijiem.

It-22 ta' Ġunju, 2004

and copied to NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Land Registry. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Applications, will be received in the first instance by the Director, Land Registry, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta, by not later than noon of Friday, 16th July 2004.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Administration Section, Land Registry, 116, West Street, Valletta.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director, Land Registry not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-21 249 941.)

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Land Registry and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Land Registry within seven (7) days.

22nd June, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Part-Time Youth Information Centre Workers

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija flimkien mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg qed tistabilixxi *Youth Information Centre* fil-Main Campus tiegħu f'Kordin.

Dan jitlob għal *Youth Information Centre Workers* motivati li jkunu meħtieġa jippjanaw, jikkordinaw u jevalwaw iċ-Ċentru ta' Informazzjoni, jiżguraw il-provvista ta' servizz ta' Ċentru ta' Informazzjoni relevanti u effettiv f'atmosfera li tattira ż-żgħażagħ. Il-*Youth Information Centre Workers* ikunu mistennija wkoll li jagħtu kontribut fl-iżvilupp ta' attivitajiet u servizzi għaż-żgħażagħ fil-Kulleġġ.

L-applikanti għandu jkollhom preferibbiliment kwalifika fil-*Youth and Community Services*. Esperjenza ta' xogħol ma' żgħażagħ f'ambjent simili li wieħed kellu qabel tkun ta' vantaġġ. L-applikanti għandhom juru kompetenza f'sistemi ta' IT u kif jitħaddmu.

Persuni interessati għandhom jissottomettu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, li wieħed jista' jsib *online* u mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-28 ta' Ġunju, 2004 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni wieħed għandu jikkuntattja l-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, Tel: 21 801590/1 Fax: 21 801 596, www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC Nru. 111/2004

It-22 ta' Ġunju, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Part-Time Youth Information Centre Workers

The Malta College of Arts, Science and Technology in collaboration with the Ministry of Education, Youth and the Employment is establishing a Youth Information Centre on its Main Campus at Corradino.

This calls for highly motivated Youth Information Centre Workers who will be required to plan, co-ordinate and evaluate the Information Centre, ensure the provision of a relevant and effective Information Centre service in an atmosphere attractive to young people. The Youth Information Centre Workers will also be expected to contribute to the development of youth activities and services throughout the College.

Applicants should preferably possess a qualification in Youth and Community Services. Previous experience of working with young people in a similar setting will be an advantage. Applicants must also demonstrate competence in IT systems and their application.

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, Paola, by not later than Monday, 28th June 2004 at noon. Late applications will not be considered. If further information is required one is to contact the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Telephone Number: 21 801590/1, Fax: 21 801596, www.mcast.edu.mt

ETC Permit No. 111/2004

22nd June, 2004

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ħruġ ta' Liċenza ta' *Wireman* Liċenza 'A' u Liċenza 'B' – 2004

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż ta' l-eżami hawn fuq imsemmi ntbagħat lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċivewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

It-22 ta' Ġunju, 2004

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for the Issue of Licence of Wireman Licence 'A' and Licence 'B' - 2004

The Acting Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice are requested to contact the Examinations Department, Floriana, immediately.

22nd June, 2004

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi skond il-proċedura stabbilita dwar l-eżamijiet pubbliċi, se jitilgħu fil-pubbliku l-karti ta' l-eżami li isimhom jidher hawn taħt:-

Eżami għall-Ħruġ ta' Liċenza ta' *Wireman* - Liċenza A

L-Ewwel Karta	Il-Ħamis, l-1 ta' Lulju 2004
It-Tieni Karta	Il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju 2004

Eżami għall-Ħruġ ta' Liċenza ta' *Wireman* - Liċenza B

L-Ewwel Karta	It-Tlieta, is-6 ta' Lulju 2004
It-Tieni Karta	L-Erbgħa, is-7 ta' Lulju 2004

It-tlugh tal-karti se jsir fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fis-7.30 a.m.

It-22 ta' Ġunju, 2004

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The Acting Director of Examinations notifies that according to the procedure established for public examinations, the examination papers for the under mentioned examinations will be drawin in public:-

Examination for the Issue of Licence of Wireman - Licence A

First Paper	Thursday, 1st July 2004
Second Paper	Friday, 2nd July 2004

Examination for the Issue of Licence of Wireman - Licence B

First Paper	Tuesday, 6th July 2004
Second Paper	Wednesday, 7th July 2004

The drawing of the papers will take place at the Department of Examinations, Floriana, at 7.30 a.m.

22nd June, 2004

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Tindif tal-Kanali ta' l-Ilma tax-Xita

Il-Kunsill Lokali Naxxar jeħtieġ servizzi minn kuntratturi adattati biex jagħmlu xogħol ta' tindif tal-kanali ta' l-ilma tax-xita fin-Naxxar.

Dawk interessati li joffru dan is-servizz huma mitluba jesprimu l-interess tagħhom bil-miktub sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju, 2004.

It-22 ta' Ġunju, 2004

NAXXAR LOCAL COUNCIL

